# MILL-WIRT ŻEJTUNI IL-PITTUR TUSE BUSUTTIL

**Minn MANWEL ZAMMIT**

Għal ħafna dilettanti tal-festi ġewwa pajjiżna, l-armar tal-festi li jiġi armat fit-toroq tal-bliet u rħula ta' Malta kollha huwa importanti daqs l-armar li jntrama' ġewwa l-knejjes tagħna. Dan bir-raġun kollu għax bosta minn dan l-armar inħadam min-nies ta' sengħa kbira, fuq disinji u pariri ta' nies artistiċi li hawn f'pajjiżna, li qatt ma kien nieqes minnhom.

Fost dawn in-nies li għamlu isem lir-raħar tagħna ż-Żejtun, fost oħrajn illum insemmu lill-pittur Tuse Busuttil, li proprju ħalla dan il-wied ta' dmugħ fis-7 ta' Jannar 1994. Hu miet fil-kwiet kif għex tul ħajtu kollha. Il-pittur Tuse Busuttil, jew aħjar "is-Surmast" kif konna nsibuh, ħalla warajh wirt artistiku kbir, li llum aħna nistgħu napprezzaw.

Jekk fil-ġranet tal-festa induru dawra mal-pjazza ta' quddiem il-knisja, wieħed jinnota sett ta' sbatax-il kolonna bil-pilandri tad-dawl fuqhom, li proprju għadhom qiegħdin jiġu dekorati u li nħadmu ġodda s-sena l-oħra, b'sengħa, ħila u sagrifiċċju kbir, miż-żgħażagħ, jew aħjar mill-"Grupp ta' l-Armar", li matul sena wara oħra jaħdmu għal skop wieħed – dak li jkomplu jsebbħu u jkabbru l-armar tal-festa tar-raħal tagħna.

Dawn il-kolonni, li d-disinn tagħhom huwa wieħed mill-aħħar li ħareġ mill-ħila tal-pittur Busuttil, qed jiġu dekorati minn John Pace, li dejjem apprezza u segwa l-pariri siewja tal-Pittur.

Wieħed hawn jinnota li dan id-disinn armonjuż ta' dawn il-kolonni sar wara u biex ikun kumplimentat maż-żewġ opri oħra kbar qed nalludi għaż-żewġ pjanċieri artistiċi li jipposjedu ż-żewġ każini tal-baned tagħna,

dak "Żejtun" u dak "Beland", li d-disinn tagħhom ukoll sar mill-pittur Busuttil.

Nibqgħu fl-istess pjazza u wieħed jinnota sett ta' Bandalori kbar ħomor, imżejna b'disinn tassew artistiku b'kuluri b'saħħithom u li jolqtu l-għajn li jirrapreżentaw simboli tal-martirju u l-verġinità tal-Glorjuża Santa Katarina u li b'hekk l-armar iżejjen u jsebbaħ fi żmien il-festa.

Għal statwa sabiħa jixraq ukoll pedestall sabiħ u għalhekk meta l-istatwa ta' Santa Katarina replika tal-vara titulari ġiet mogħtija lil-Grupp ta' l-Armar biex din tibda tintrama' barra, għal darba oħra ġie mqabbad il-Pittur Busuttil biex jagħmel disinn għall-kolonna ta' din l-istatwa. Illum din l-istatwa tintrama' fi Pjazza Carlo Diacono.

Imma forsi ħafna bħali għadhom jiftakru s-sett ta' tmien pavaljuni tal-kartun miksi u mpittra b'kuluri ħajjin u sbieħ li s-Surmast Busuttil kien iddisinja għal Tirq il-Madonna tal-Bon Kunsill u li baqgħu jintramaw sa snin tmeninijiet.

Triq oħra li llum għadha tgawdi oħra sabiħa hi Triq San Porfilju - triq b'sett pavaljuni sbieħ, xogħol l-istess pittur tagħna.

Barra dawn l-opri li semmejna, ma rridx inħalli barra li l-pittur Busuttil ta bosta mil-għajnuna tiegħu fejn jidħlu l-parir. Mhux darba jew tnjen il-Grupp ta' l-Armar avviċinah permezz ta' John Pace u talbu pariri u direzzjoni għal bosta proġetti ta' armar tal-festa li kemm jekk ikun sejjer isir ġdid jew ikun sejjer jiġi restawrat, il-Pittur bil-qalb kollha dejjem ta l-għajnuna tiegħu.

Din kienet ħarsa ħafifa lejn bniedem jew aħjar Żejtuni bħalna li kellu għal qalbu (u dan nafu jien personalment) raħal twelidu. Ħabb u ħares lejn dak li r-raħal tagħna jipposjedi, b'mod speċjali l-knisja monumentali li għandna li flimkien ma' Żejtuni ieħor, il-mibki Dun Ġwann Palmier, żejnu 'l dan it-tempju b'opri sbieħ u kbar li llum aħna ta' warajhom nistgħu ingawdu. J'Alla nies bħal dawn ikunu ta' eżempju kemm għalina u kemm għal ta' warajna.